# San Pawl
## L-Appostlu li l-Providenza Divina għażlet għal Malta



kitba ta' Joe Chetcuti

Matul iż-żminijiet, l-aktar fis-sekli sbatax u tmintax, inqalgħu xi nies li kienu jqisu ruħhom bħala storiċi u esiġenti tal-Iskrittura, li ppruvaw jitfgħu dubji li l-gżira fejn sar in-nawfraġju ta' San Pawl meta kien fi triqtu lejn Ruma, ma kinetx il-gżira ta' Malta imma xi gżira oħra. Fl-għaxar seklu, l-imperatur Grieg, Kostantinu Porfirogenitus kien wieħed minn tal-ewwel li sostna li l-gżira msemmija minn San Luqa fl-Atti tal-Appostli, kienet dik ta' Meleda (li llum iġġib l-isem ta' Mljit) li hi qrib Dubrovnik fil-Kroazja. Ma' din it-teorija qablu anke xi kittieba tal-Knisja bħalma kien il-Patri Benedittin Injazju Giorgi, li fis-sena 1930 ħareġ jirrepeti li l-gżira li magħha tkisser ix-xini ta' San Pawl kienet Meleda. Imbagħad fis-sena 1988, wieħed kittieb bl-isem ta' Heinz Warneche, b'raġunar tassew dgħajjef, beda jsostni li n-nawgfraġju ta' San Pawl kien mal-gżira Griega ta' Cephallenja fil-Baħar Adrijatiku.

Min-naħa l-oħra, imbagħad, qamu xi għorrief biex iwaqqgħu l-argumenti xejn sodi ta' dawk li riedu jċaħħdu lil Malta minn dan l-unur li aħna wlied spiritwali ta' San Pawl u li kien hu li ġabilna l-fidi Nisranija. Fost dawn insibu lill-Ġermaniż Jürgens Wehnert li sostna b'qawwa kbira li l-gżira tan-nawfraġju ta' Pawlu kienet Malta f'nofs il-Mediterran. Inżidu ngħidu, però li kien il-professur Malti Mons. Dun Karm Sant li għamel it-teżi tiegħu fuq il-miġja ta' San Pawl f'Malta u enfasizza fuq is-sentenza tal-Atti tal-Appostli li tgħid: "Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta." (Atti 28:1)

Fl-Atti tal-Appostli, in-nawfraġju ta' San Pawl jinsab irrakkontat b'dettalji vivaċissimi u bl-irqaqat, f'żewġ kapitli (dawk 27 u 28). San Luqa, li kiteb ir-rakkont, barra li kien xhud okulari, kien ta' skola kbira, bniedem għaref, tabib, pittur u evanġelista. Wieħed ma jixba' qatt jaqra u jerġa' jaqra r-rakkont tan-nawfraġju kif iddeskrivieh San Luqa. Għal Malta kienet tabilħaqq tempesta providenzjali.

Imma aħna, hawn Malta, mhux biss argumenti għandna li nuru li tabilħaqq San Pawl ġie hawn Malta, imma anke provi tradizzjonali ta' qawwa kbira. Nibdew bis-sentenza: "F'dawk l-inħawi kien hemm l-oqsma tal-prinċep tal-gżira li kien jismu Publiju. (Atti 28:7) Fl-istorja tan-nazzjonijiet ma nsibu mkien iżjed ħlief f'Malta li kien hemm prinċep renjanti li jġib l-isem ta' Publiju. Din waħda mill-provi li San Pawl ġie fil-gżira tagħna u mhux f'xi gżira oħra.

Fil-gżira tagħna ta' Malta, it-tradizzjonijiet konnessi mal-miġja ta' San Pawl fostna huma tant qawwija li ma jħallu l-ebda dubju li n-nawfraġju ma sarx hawn Malta. Insemmu xi ftit:

1. Il-Gżejjer ta' San Pawl sa mill-antik kienu jitqiesu bħala ħafna qrib fejn sar in-nawfraġju.
2. Tissemma s-sikka tal-blat li kellha l-baħar iħabbat magħha minn żewġ naħat. Sa minn żmien bikri dan il-blat jintrabat ma dik id-daħla llum imsejħa "Tal-Għażżenin."
3. 'Għajn Rażul' (f'San Pawl il-Baħar) hu post qrib ix-Xemxija. Hawnhekk San Pawl għamel miraklu billi ħareġ l-ilma mill-blat, ilma li bih għammed bosta Maltin.
4. F'Burmarrad insibu l-post imsejjaħ 'San Pawl Milqgħi'. Skont it-tradizzjoni kien f'dan il-post li l-Maltin laqgħu lil San Pawl u sħabu wara li ħelsu mill-għarqa. Kien ukoll f'dan il-post li Publiju ltaqa' għall-ewwel darba ma' San Pawl. Publiju kellu d-dar tiegħu (villa) f'dan il-post.
5. Ħdejn ir-ristorant tal-Gillieru (f'San Pawl il-Baħar) hemm knisja żgħira msejħa 'Tal-Ħuġġieġa'. Skont it-tradizzjoni kien f'dan il-post li l-Maltin qabbdu ħuġġieġa biex dawk li salvaw mill-għarqa jisħnu. Kien f'dan il-post li seħħet il-ġrajja tal-lifgħa li gidmet u weħlet ma' id San Pawl. Illum din il-ġrajja kull sena qed tiġi mfakkra billi l-Patrijiet Franġiskani Konventwali jqabbdu f'dan il-post ħuġġieġa kbira.
6. Fil-Wied ta' Birkirkara hemm kappella li tfakkar il-post fejn San Pawl ippriedka.
7. Fl-aħħarnett, ma rridux inħallu barra dik li tissejjaħ il-'Grotta ta' San Pawl' tar-Rabat, fejn San Pawl għex u ċċelebra l-quddiesa. Il-Maltin għamlu ħabta joborxu xi ftit trab mill-ħitan tal-Grotta u jinżamm bħala devozzjoni u għall-fejqan ta' mard.
8. L-Għawdxin ukoll isostnu li San Pawl mar Għawdex u ppriedka fil-Bajja ta' Marsalforn. Hemm inbniet knisja li taqdi l-bżonnijiet spiritwali tal-abitanti ta' din il-bajja.

Bir-raġun kollu aħna l-Maltin u l-Għawdxin insejħu lil San Pawl bħala 'Missierna'.